MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1750/2004

**Saint James (Capua) Hospital Ltd.**

**vs**

**Mark Ellul**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Settembru, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mitt lira u hamsa u tletin liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm735.14) skond fattura annessa ma' l-Avviz tat-Talba mmarkata bhala Dokument A, u dana in konnessjoni ma' intervent mediku u servizzi u spejjez ohra relatati, illi saru gewwa l-Isptar Saint James Hospital Sliema, fi Triq Borg Olivier, Tas-Sliema (qabel maghruf ukoll bhala Capua Hospital) bejn it-12 u it-13 ta' Novembru, 2003, u dana fuq inkarigu u a beneficcju tal-konvenut;

Is-socjeta` attrici talbet ukoll li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma fuq imsemmija ta’ seba’ mitt lira u hamsa u tletin liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm735.14), bl-imghax legali sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ seba’ mija u hamsa u tletin liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm735.14), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------